**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 622/2023/1DC**

***Vincent Xuereb (K.I. 8074G), u***
***Noel Vella (K.I. 1682G)***

***vs***

***L-Avukat tal-Istat***

Illum, 9 ta' Lulju 2024

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Vincent Xuereb u Noel Vella preżentat fil-5 ta' Marzu 2024, permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi talab lil din il-Qorti:

1. *Tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bin-numru 166/2018 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Xuereb u Noel Vella mogħtija fl-20 ta' Marzu 2023; u*

2. *Tagħti kull rimedju ieħor li talvolta jidhrilha li huwa xieraq u effettiv fiċ-ċirkostanzi.*

Rat id-degriet tagħha mgħoti nhar il-5 ta' Marzu 2024[1] permezz ta' liema, fil-waqt li ordnat in-notifika tar-rikors promotur lill-intimat l-Avukat tal-Istat u tagħtu żmien biex jippreżenta risposta, appuntat ir-rikors għas-smigħ.

Rat ir-risposta preżentata mill-intimat fil-21 ta' Marzu 2024[2] permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponew it-talbiet tar-rikorrenti.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma nhar l-20 ta' Ġunju 2024 meta r-rikors tħalla għall-llum għal provediment.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi fil-qosor il-fatti li taw lok għar-rikors odjern huma s-segwenti:

- Fid-19 ta' Frar 2013 ir-rikorrenti ġew akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużati b' reati kommessi bi ksur tal-Ordinanza dwar id-Dwana, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u l-Kodiċi Kriminali.
- B'sentenza mgħotija fil-21 ta' Marzu 2018 ir-rikorrenti instabu ħatja ta'l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u kull wieħed minnhom ġie ikkundannat tmintax il-xahar priġunerija u multa ta' mija tlieta u sebgħin elf dusgħa mija tlieta u tmenin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€173,983.68); skond is-sentenza u ai termini tal-Liġi terż tal-multa imposta għandha titqies bħala dejn ċivili dovut lid-Dipartiment tad-Dwana.
- Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza; fost l-aggravji imressqa mir-rikorrenti fil-kors ta' dak l-appell kien hemm dak dwar il-prinċipju *onus probandi incubit ei qui dicit*; huma jikkontendu li fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma tressqitx prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raġuni li l-merkanzija li dwarha instabu hatja fil-fatt kienet sigaretti. Dwar dan l-aggravju ir-rikorrenti għamlu referenza għal sentenza mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali
- B'sentenza minnha mgħotija fl-20 ta' Marzu 2023 il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ċaħdet l-appell, inkluż l-aggravju dwar il-grad tal-prova milħuq mill-prosekuzzjoni, u kkonfermat l-ewwel sentenza.

[1] A fol 4.
[2] A fol 7.

- Ir-rikorrenti in suċċint jikkontendu li dawn is-sentenzi kunfliggenti jagħtu lok għall-inċertezza legali u li s-sistema legali tagħna ma tipprovdiex għal mekkaniżmu li jirriżolvi sitwazzjonijiet ta' inċertezza legali u għalhekk is-sentenzi mgħotija fil-konfront tagħhom jilledu d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.
- Ir-rikorrenti għalhekk intavolaw rikors kostituzzjonali permezz ta' liema talbu dikjarazzjonijiet f'dan is-sens u talbu li ż-żewġ sentenzi mgħotija fil-konfront tagħhom jiġu dikjarati nulli u bla effett u li konsegwentement ir-rikorrenti jitpoġġew f'l-istatus quo ante ta'l-imsemmija vjolazzjoni.

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qed jitolbu li, sakemm jiġi finalment trattat u deċiż ir-rikors kostituzzjonali minnhom preżentat, il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali mgħotija fl-20 ta' Marzu 2023 u li l-Qorti tagħti kull rimedju ieħor li jidhirlha opportun.

Ikkunsidrat

Illi effettivament dak li qed jitlob l-attur permezz ta' din l-ewwel talba huwa l-għoti ta' miżura proviżorja, *interim measure*. Dwar is-setgħa ta' din il-Qorti li tagħti ordni ta' din ix-xorta esprimiet ruħha il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et***

> *Din il-Qorti hi tal-fehma li fi proċeduri kostituzzjonali fejn jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll din il-Qorti għandhom is-setgħa li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali [...] jagħtu dawk il-provvedimenti preventivi intiżi sabiex jiżguraw li sakemm tiġi determinata l-kawża kostituzzjonali, ma jsir xejn li jista' jnaqqas mis-setgħa ta' l-istess Qrati li jipprovdu rimedju adegwat u effettiv konformement ma' dak li jistabilixxu s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjonijiet korrispondenti tal-Kap 319 [Art 4(1) u (2)].*

Illi aktar minn hekk fis-sentenza mgħotija fit-2 a' Ġunju 2014 fil-kawża ***Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et***, din il-Qorti kif diversament presjeduta qalet ukoll:

> *Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi*

> *dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*
>
> *Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet;*

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-eżami illi trid tagħmel il-Qorti fid-determinazzjoni ta' talba għall-għoti ta' miżura proviżorja bl-ebda mod m'għandu jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża fil-mertu. Fil-fatt fl-istess kawza appena ċitata ***Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et*** intqal li

> *... l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha*

Illi huwa ben stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza x'inhu l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk l-għoti ta' miżura proviżorja hux mistħoqq. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2020 fl-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et***. F'din is-sentenza l-Qorti elenkat l-elementi rikjesti li jridu jiġu sodisfatti biex tkun tista' tingħata miżura proviżorja.

> *Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:*
>
> *1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent. ... ... {**Mark Formosa vs L-Avukat Generali 14.12.2017 Prim'Awla (Kost.)**}*

> *2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li sseħħ.{**Emanuel Camilleri vs. Spett. Louise Calleja 02.06.2014 Prim'Awla (Kost)**}*
>
> *3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. {**Rosette Thake v Prim Ministru 09.06.2016 Prim'Awla (Kost)**}. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema". {**Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali**}. ... ... ...*
>
> *4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita tteħid ta' miżuri urġenti. ... ... {**Mark Formosa v L-Avukat Generali 14.12.2017 Prim'Awla (Kost)**}.*
>
> *5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata rrimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali. Ladarba jkun hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza pro veritate habetur. Sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza għandha normalment tibqa' tgħodd, salv każijiet eċċezzjonali. {**Stephen Pirotta v L-Avukat Generali 19.04.2016 Prim'Awla (Kost.)**}.*

Illi b'referenza partikolari għal miżura proviżorja fil-forma ta' sospensjoni ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat esprimiet ruħha l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ġia ċitata ***Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et***

> *10 ... ... ir-regola għandha tkun li, ġaladarba hemm sentenza li għaddiet in ġudikat, dik is-sentenza għandha favuriha l-presunżjoni li kull ma wassal għaliha sar rite et recte. **Is-sempliċi allegazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq jew ta' xi dritt fondamentali ieħor ma jistax iwaqqaf, bħala regola, l-esekuzzjoni ta' sentenza li għaddiet in ġudikat, għax altrimenti tkun ħaga mill-aktar faċli għal min irid jistultifika l-effett tar-res iudicata li, eżawriti l-proċeduri kollha skond il-liġi ordinarja …***

> *… **jallega xi ksur ta' dritt fondamentali. Ħaġa bħal din iġġib diżordni sħiħa fis-sistema legali u ġudizzjarja u tagħti lok għal abbuż**[3], bi ħsara ta' min ikollu favurih sentenza tal-qorti, b'awment ta' litiġju li żgur il-Qrati tagħna m'għandhomx bżonnu … …*
>
> *11. B'dana kollu, ma jistax jiġi eskluż li jista' jkun hemm każijiet eċċezzjonali fejn, sabiex jiġi assigurat bl-aktar mod ampju rimedju adegwat u effettiv, ikun indikat li tittieħed miżura ad interim li jista' jkollha l-forma wkoll ta' sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza. ... ... Fil-fehma tal-Qorti, l-adegwatezza u l-effettivita` tar-rimedju li talvolta jista' jingħata wieħed irid jeżaminah mhux sempliċiment billi jħares lejn in-natura tal-vjolazzjoni lamentata u jara, fl-eventwalita` li seħħet dik il-vjolazzjoni, x'jistgħu jkunu r-rimedji, iżda wkoll billi jeżamina l-fattispeċi partikolari tal-każ, inklużi l-anteċedenti li jkunu wasslu għall-vertenza, biex jara jekk hemmx xi ċirkostanza insolita li timmilita favur il-miżura ad interim fil-konsiderazzjoni ġenerali ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.*
>
> *12. Kull każ, għalhekk, għandu jiġi eżaminat separatament u, s'intendi, mingħajr ma jiġi preġudikat il-meritu.*

Illi dawn il-prinċipji imħaddna mill-qrati tagħna huma l-istess prinċipji li jirregolaw il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-tema ta' miżuri proviżorji. Tant li fil-*Factsheet* dwar *Interim Measures* mahruga minn dik il-Qorti f'Ottubru 2023, fejn dan it-tip ta' rimedju huwa deskritt bħala wieħed eċċezzjonali, intqal hekk:

> *Interim measures are **urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm**. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants requests for interim measures only on an exceptional basis, when applicants would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm. ... ... ...*

[3] Is-sottolinear huwa ta din il-Qorti.

*In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 (right to life) of the European Convention on Human Rights) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment) of the Convention. More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair trial (Article 6 of the Convention), the right to respect for private and family life (Article 8 of the Convention) and freedom of expression (Article 10 of the Convention).*

*In the Court's case-law as it currently stands, Rule 39 of the Rules of Court* ***is not applied****, for example, in the following cases: to prevent the imminent demolition of property, imminent insolvency, or the enforcement of an obligation to do military service;* ***to obtain the release of an applicant who is in prison pending the Court's decision as to the fairness of the proceedings****; to ensure the holding of a referendum; to prevent the dissolution of a political party; or to freeze the adoption of constitutional amendments affecting the term of office of members of the judiciary.*[4]

Ikkunsidrat

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji regolaturi u b'applikazzjoni tagħhom għall-każ in eżami l-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti għandha tfalli.

Illi jibda biex jingħad li s-sentenza li tagħha r-rikorrenti qed jitolbu s-sospensjoni ngħatat fil-21 ta' Marzu 2023; it-talba odjerna saret sena wara, fil-5 ta' Marzu 2024. M'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li dan it-trapass taż-żmien[5] huwa indikazzjoni ċara u inekwivoka ta' nuqqas ta' urġenza, l-urġenza li hija karatteristika ewlenija u kunsiderazzjoni fundamentali f'l-għoti ta' miżuri proviżorji.
Illi kif ntqal il-piena imposta bis-sentenzi li dwarhom jilmentaw r-rikorrenti hija dak ta' sentenza sospiza u multa, li terz minnha għandu jiġi ikkunsidrat

[4] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.
[5] Trapass li ma kien jiddependi fuq ħadd u fuq xejn ħlif ir-rikorrenti u l-volonta tagħhom.

dejn ċivili pagabbli lid-dipartiment tad-dwana. Waqt is-sottomissjonijiet magħmula f'isem ir-rikorrenti ngħad li l-ħlas taż-żewġ terzi tal-multa (pagabbli lir-Reġistratur tal-Qorti) qed isir f'pagamenti rateali; ngħad ukoll li għalkemm ma sarx xi arrangament mad-Direttur Ġenerali tad-Dwana biex it-terz tal-multa pagabbli bħala dejn ċivili ukoll titħallas ratealment, għandhom ma ttieħdux passi mid-dipartiment biex il-multa titħallas.

Illi r-rikorrenti jikkontendu li jekk fil-futur ma jkunux f'pożizzjoni li jibqgħu jonoraw il-pagamenti rateali lir-Reġistratur tal-Qorti l-bilanċ ikun kollu dovut u jista' jiġi konvertiet f'priġunerija. Jilmentaw li jekk jiġri hekk, u l-proċeduri kostituzzjonali jkunu għadhom mhux deċiżi ser ikollhom jibdew jiskontaw perjodu ta' priġunerija bil-possibilita li jkunu skontaw dan il-perjodu inutilment jekk it-talba prinċipali tagħhom tintlaqa' u s-sentenzi mgħotija fil-konfront tagħhom, li imponew il-multa imsemmija, jiġu dikjarati nulli u bla effett. Jgħidu li fil-waqt li ammont imħallas indebitament jista' jiġi rifuż, xejn ma jista' verament ipatti għat-telf ta' liberta riżultat ta' inkarċerazzjoni, anke kwalunkwe kumpens li jista' talvolta jiġi likwidat.

Illi b'l-istess mod ir-rikorrenti jikkontendu ukoll li jekk fil-mument li d-Direttur tad-Dwana jesiġi l-ħlas tat-terz tal-multa[6] ma jkunux f'pożizzjoni li jħallsuha u jekk ma jintlaħaqx ftehiem biex il-ħlas ta' dan it-terż tal-multa ukoll isir ratealment, u jekk anke jintlaħaq ftehiem f'dan is-sens u ma jkunux f'pożizzjoni li jlaħħqu mal-pagamaneti rateali, id-Direttur td-Dwana jista jibda proċeduri skond il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv li jgawdi fir-rigward tat-terz tal-multa. Jekk jiġri hekk f'mument meta il-proċeduri kostituzzjonali prinċipali ma jkunux għadhom finalment deċizi, u, dejjem skond ma jikkontendu r-rikorrenti, il-propjeta tagħhom, ser tkun ġiet assoġġettati għal miżuri eżekuttivi inutilment.

Illi minn dawn is-sottomissjonijet huwa ċar ukoll li lanqas illum, sena wara ngħata is-sentenza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali, m'hemmx riskju imminenti li r-rikorrenti ser issofru xi preġudizzju irrimedjabbli. Dan għaliex dak li r-rikorrenti qed iqisu bħala preġudizzju, l-inkarcerazzjoni f'kaz li ma jkunu f'pożizzjoni li jkomplu jħallsu l-multa lir-Registratur jew mizzuri eżekuttivi jekk ma jkunux f'pożizzjoni li jħallsu lid-Direttur tad-Dwana, huwa ipotetiku u assolutament mhux imminenti.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-prinċipju li *res iudicata pro veritate habetur,* huwa car li t-talba tar-rikorrenti tfalli f'wieħed mir-rekwiżieti essenzjali u ċioe l-eżistenza ta' riskju imminenti li jimmerita t-teħid ta'

[6] Jidher li talba għal ħals għada ma saritx*.

miżuri urġenti. Dan stabbilit ikun eżerċizzju inutili l-Qorti tistħarreġ jekk imtweriex almenu fuq bażi prima facie ksur ta' dirittijiet funadmentali.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċhad it-talba tar-rikorrenti dedotta fir-rikors tal-15 ta' Marzu 2024 għall-ghoti ta' miżura proviżorja. Spejjez relatat ma' dan ir-rikors a karigu tar-rikorrenti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**